MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1312/2002

**Lombard Bank Malta plc.**

**-vs-**

**Vehicle Solutions 2000 Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fl-20 ta’ Novembru, 2002, li bih il-Bank attur ippremetta:

Illi l-Bank attur jinsab kreditur tas-socjeta’ konvenuta Vehicle Solutions 2000 Ltd., fl-ammont ta’ sebat elef sitt mija tmienja u ghoxrin liri Maltin, wiehed u hamsin centezmi (Lm7628.51), bilanc ghad-debitu fl-‘overdraft account’ li ghandha s-socjeta’

konvenuta ma' l-istess Bank, bl-interessi kkalkolati sal-hdax (11) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002), skond 'statement' hawn anness u mmarkat Dok 'A', oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tnax (12) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas anke ufficjalment, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghalhekk il-Bank attur talab lil din l-Onorabblli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lill-Bank attur is-somma ta' sebat elef sitt mija tmienja u ghoxrin liri Maltin, wiehed u hamsin centezmi (Lm7628.51), bilanc ghad-debitu fl-'overdraft account' li ghandha s-socjeta' konvenuta ma' l-istess Bank, bl-interessi kkalkolati sal-hdax (11) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002), skond 'statement' hawn anness u mmarkat Dok 'A', oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tnax (12) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif wkoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-18 ta' Lulju, 2002, tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Settembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-Bank attur, flimkien mad-dokument (1) mehmuz maghha;

Rat illi c-Citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta, li naqset li tipprezenta n-Nota ta' Eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-Bank attur;

Semghet l-Avukat tal-Bank attur;

Ezaminat l-Atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fl-Att tac-Citazzjoni jirrizulta pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti tiddeciedi billi:

**Tilqa' t-talba tal-Bank attur kif dedotti fic-Citazzjoni, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------